

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 4 - Id-drittijiet tiegħi wara li tkun ittiegħdet deċiżjoni mit-tribunal/mill-qorti

## 4 - Id-drittijiet tiegħi wara li tkun ittiegħdet deċiżjoni mit-tribunal/mill-qorti

### Nista' nappella?

Għandek id-dritt li tappella s-sentenza fi żmien erbgħin jum mill-ġurnata li fiha tkun inqatgħet is-sentenza permezz ta' dikjarazzjoni l-qorti. L-appell jista' jkun limitat għal appell kontra l-ammont tal-piena jew għall-affarijiet ċivili.

#### Kompetenzi

- Kontravvenzjoni = quddiem il-qorti tal-pulizija; l-appell jitressaq quddiem il-qorti kriminali.
- Reat = quddiem il-qorti kriminali; l-appell jitressaq quddiem il-Qorti tal-appell.
- Delitt = quddiem l-awla kriminali tal-qorti distrettwali; l-appell jitressaq quddiem l-awla kriminali tal-Qorti tal-appell.

### X'jiġri jekk inressaq appell?

Il-Prokuratur tal-Istat tal-qorti jew tat-tribunal li quddiemhom jitressaq l-appell jiġi infurmat fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa wara li jitressaq l-appell. Tintgħażel data għas-smiġħ tal-appell u tiġi infurmat biha.

### Kemm irid jgħaddi żmien biex jinstema' l-appell?

Hemm bżonn ta' xi xhur sa ma jinstema' l-appell.

### Nista' nressaq provi ġodda fl-appell? X'regoli japplikaw?

Għandek dritt tressaq provi ġodda fil-kuntest tal-appell. Ir-regoli tad-dritt tal-provi japplikaw. Il-qorti taċċetta l-provi legali kollha ppreżentati. Mill-banda l-oħra, ma jiġux aċċettati mezzi proċedurali, bħan-nullità ta' att, li kellhom jiġu mqajma fl-ewwel istanza.

### X'jiġri fis-smiġħ tal-appell u x'tista' tkun id-deċiżjoni tat-tribunal/tal-qorti?

L-imħallfin jeżaminaw il-fatti mill-ġdid, iżda fil-prinċipju m'humiex marbuta li jerrgħu jisimgħu lix-xhieda sakemm ma jkunx meqjus neċessarju mill-Qorti. Bl-istess mod, jekk jitqies li huwa meħtieġ, tista' terġa' tisma' lix-xhieda.

Fil-prinċipju, l-imħallef tal-appell ma jistax jagħti sentenza aktar ħarxa minn dik li tkun ngħatat fl-ewwel istanza jekk kien il-konvenut biss illi oġġezzjona għas-sentenza. F'dan il-każ, il-qorti tista' biss iżżomm l-istess piena tal-konvenut jew tnaqqasha. Is-sentenza tista' tiħrax biss meta anki l-Prosekutur Ġenerali jkun appella s-sentenza, xi ħaġa li normalment isseħħ fi kwistjonijiet kriminali.

### X'jiġri jekk l-appell jiġi aċċettat/rifjutat?

Għandek dritt tressaq appell quddiem l-ogħla istanza. Il-Qorti tal-ogħla istanza tivverifika l-punti legali iżda ma tidħolx fil-punti tal-fatti.

### Jekk l-ewwel sentenza tkun żbaljata, niġi kkumpensat? Ta' xiex? Kif?

Għandek dritt għal indennizz biss f'każ ta' priġunerija mhux ġustifikata. Jaqgħu taħt dan id-dritt dawk kollha li

nżammu b'azzjoni preventiva għal iżjed minn tlett ijiem ħliet jekk din id-detenzjoni jew il-kontinwazzjoni tagħha kienu ħtija tiegħek.

## Jekk l-appell jintlaqa' il-kundanna tiegħi tibqa' mniżżla fil-kondotta tiegħi?

Jekk l-appell jintlaqa' u jwassal għall-ħelsien, il-kundanna ma tibqax mniżżla fil-kondotta.

## Huwa possibbli li tressaq appell ieħor jekk l-ewwel wieħed ikun falla? Quddiem min trid tressqu? F'liema ċirkustanzi tista' tressqu?

Jista' jerġa' jintalab appell minn kull persuna meqjusa bħala ħatja definittivament ta' reat jew ta' delitt fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

- Meta, wara kundanna għal reat jew delitt, sentenza ġudizzjarja ġdida tikkundanna għall-istess att persuna oħra u l-kundanni ma jkunux jaqblu flimkien. F'dan il-każ, il-kontradizzjoni ta' bejniethom hija l-prova tal-innoċenza ta' wieħed jew l-ieħor.
- Jekk ix-xhieda mismugħa ikunu ġew sussegwentament ikkundannati għal xhieda falza.
- Jekk, wara l-kundanna, joħroġ fatt ġdid jew tinstab evidenza ġdida u li jkunu ta' natura li tistabilixxi l-innoċenza sħiħa jew parzjali tiegħek.
- Jekk, wara l-kundanna għal omiċidju, xi evidenza terġa' tiġi ppreżentata speċifikament sabiex tqajjem xi indikazzjonijiet dwar l-eżistenza tal-allegata vittma tal-omiċidju.
- Meta jirriżulta minn sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li kundanna penali li ngħatat tmur kontra din il-Konvenzjoni.

Il-Qorti superjuri tal-ġustizzja, fl-irwol tal-Qorti tal-Ogħla Istanza, tiddeċiedi fuq it-talbiet tal-appell.

## Meta tkun definittiva l-kundanna?

Il-kundanna tkun definittiva meta jkun sar rikors għall-modi kollha ta' appell, inkluż meta l-appell jew il-każ quddiem l-ogħla istanza jiġi preskritt.

## Nista' niġi ddeportat wara l-każ jekk jiena ċittadin ta' Stat Membru ieħor?

Bħala ċittadin ta' Stat Membru ieħor, inti tista' tiġi ddeportat ma' tmiem il-kawża għal disturb attwali u serji għall-ordni pubbliku. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jitlob li jinħeles wara nofs il-piena ta' priġunerija tiegħu jekk bil-miktub jinrabat li ma jerġax jiġi lura f'dak il-pajjiż.

Tista' tressaq rikors quddiem it-tribunal amministrattiv kontra d-deċiżjoni tal-Ministeru tal-Immigrazzjoni li jiddeportak.

## X'jiġri mill-informazzjoni dwar il-kapi tal-akkuża/il-kundanna?

Informazzjoni dwar il-kundanna tiegħek tiġi mniżżla fil-kondotta, u arkivjata sabiex tiġi rreġistrata fil-kundanni maħruġa mill-qrati kriminali tal-Lussemburgu.

## Fejn u kif tiġi miżmuma din l-informazzjoni?

Il-kondotta tinżamm għand il-Prokura Ġenerali taħt l-awtorità tal-Prokuratur Ġenerali tal-Istat bħala kopja elettronika. Tkun identifikat fil-fajl permezz ta' kunjomok u ismek, dawk ta' missierek u ta' ommok u, fejn meħieġ, ta' martek jew żewġek, permezz tad-data u l-post tat-twelid, tar-residenza u l-professjoni tiegħek, jew b'numru li jidentifikak.

## Kemm idum jinżamm?

Il-kundanni deċiżi taħt il-ġurisdizzjoni Lussemburġiża jibqgħu mniżżla fil-kondotta sakemm terġa' tingħata d-drittijiet legali jew ġudizzjarji.

## L-informazzjoni tista' tinżamm mingħajr il-kunsens tiegħi?

Iż-żamma tal-informazzjoni fil-kondotta hija obligatorja u tista' tinżamm anke mingħajr il-kunsens tiegħek.

## Nista' noġġezzjona kontra ż-żamma ta' din l-informazzjoni? Kif? Fejn?

Għandek dritt li toġġezzjona għal dak li jista' jitniżżel fil-kondotta; tista' tappella quddiem is-Sigrieta tal-Qorti distrettwali.

### Links relatati

[Il-kondotta](#)

[Kodiċi Kriminali](#)

[Kodiċi tal-proċedura kriminali](#)

■ L-aħħar aġġornament: 17/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.